## 6 ta' April, 1963.

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Borg

**Sentenza — Nullità — Sunt — Artikoli 394, 440 (3), 659 (5) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Is-sunt tas-sentenza kontemplat fl-artikolu 659 (5) tal-Kodiċi Kriminali jitqies bħala prova awtentika tad-deċiżjoni daqs li kieku kien kopja legali tagħha. Dan is-sunt, barra dettalji oħra għandu juri: ta' liema fatti ġie misjub ħati l-imputat, il-piena u l-liġi li tikkreat r-reat.*

*Is-sunt għandu jkun sunt tas-sentenza, u mhux johloq partikolari li fis-sentenza ma hemmx.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-erbgħa (4) ta' Marzu 1963 l-imsemmi Borg ġie misjub ħati talli, f'dawn l-aħħar tliet (3) xhur, ħalla lil martu u lil uliedu fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol, u ġie kundannat għal piena ta' tmien (8) tijiem priġunerija;

L-imputat appella, u talab li dik is-sentenza tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Ġiet aġitata, f'din is-sedi tal-appell, il-kwistjoni tal-validità tas-sentenza fuq imsemmija. **Fl-oriġinal** tal-Maġistrat deċidenti ma hemmx il-kliem "8 (tmien tijiem priġunerija". — Fis-sunt hemm dak li jissemma fil-verbal tal-ħum. Dan is-sunt hu dak li hu preskritt mill-liġi fil-ħames subartikolu tal-art. 659 tal-Kod. Kriminali, Kap. 12, Ediz. Riv., u dwar dan is-sunt xehed, fl-udjenza tal-lum, ir-Reġistratur tal-Qrati Inferjuri.

Issa hu veru illi l-liġi bl-artikolu ċitat tgħid li dan is-sunt komprensive, li għandu jinżamm f'reġistru appositu, jitqies bħala prova awtentika tad-deċiżjoni, daqs li kieku kien kopja legali tagħha. Inoltre, b'liġi, dak is-sunt għandu jkollu fih, minbarra dettalji oħra, anki r-rekwisiti li hemm fl-art. 394, Kod. Krim., ċioè, ta' liema fatti ġie misjub ħati l-imputat, il-piena, u l-liġi li tikkrea r-reat. Il-Qorti tosserva illi s-sunt għandu fih dawn ir-rekwisiti.

Imma l-pont in dibattitu hu jekk dak is-sunt hux verament sunt tas-sentenza ossija tal-**oriġinal** tagħha. Din il-Qorti ma taħsibx li jista' jingħad illi fejn il-liġi tgħid li s-sunt jagħmel prova awtentika tad-deċiżjoni, riedet tgħid b'daqshekk li din il-prova tikkostitwixxi presunzjoni assoluta b'mod li teskludi kwalunkwe prova intisa biex turi li s-sentenza tal-Qorti ma kellhiex fl-oriġinal tagħha l-partikolari riprodotti fis-sunt reġistrat. Is-sunt, anki skond l-istess kliem tal-liġi, għandu jkun sunt **tas-sentenza**, u mhux joħloq partikolari li fiha ma hemmx. Issa, fil-każ preżenti, **fl-oriġinal** tal-Maġistrat la hemm ta liema fatti kien qed jinstab ħati l-imputat, u lanqas hemm iċ-ċitazzjoni tal-liġi li tikkrea r-reat. Għalhekk, dawn il-partikolari ma setgħux jiġu inklużi fis-sunt la darba ma humiex fis-sentenza, li tagħha dak suppost li hu s-sunt kompensiv.

L-Imħallef sedenti japprezza illi data l-kwantità ta' kawżi

li jkunu ġeneralment fuq il-lista tal-ġurnata quddiem il-Maġistrati, u data li speditezza ta' trattazzjoni fil-kawżi sommarji, wieħed ma għandux jistenna fil-każijiet kollha xi stesura elaborata tas-sentenza, u l-praxis curiae s-sanzjonat l-użu li, xi minn daqqiet, il-Maġistrat, fl-oriġinal, jagħmel, bi vleġġa dimostrativa, jew b'sinjal ieħor, rikjam għal imputazzjoni ġà eżistenti fiċ-ċitazzjoni bħala dikjarazzjoni tal-fatti, li tagħhom ikun instab ħati l-imputat, u anki jagħmel rikjam simili għall-annotazzjoni tal-liġi li, ġeneralment, il-Pulizija tkun ġà kkalendat fuq l-oriġinal taċ-ċitazzjoni għal konvenjenza ta' l-istess Maġistrat, — kif ukoll is-sanzjonat l-abbrevjazzjonijiet fit-terminoloġija legali, — u dan hu sewwa, għaliex inkella jkun diffiċili li l-Maġistrati jisbrigaw il-kwalità ta' kawżi li ġornalment ikollhom qudidemhom. Iżda, f'dan il-każ, ma hemmx ebda rikjam simili, u elxda abbrevjazzjoni, u hemm biss sic et simpliciter il-kliem "8 (tmien) tijiem priġunerija" — li manifestament ma jissodisfawx għal vot tal-liġi. Għalhekk, f'dan il-każ, is-sunt reġistrat ma jistax raġonevolment jitqies bħala li hu s-sunt komprensiv tas-sentenza, għax, filfatt, qet joħloq almenu żewġ partikolari li fis-sentenza, ċioè fl-oriġinal tal-Maġistrat, ma hemmx, la bi kliem appositu, u lanqas b'riklam fil-mod konswet, jiġifieri jonqsu (a) il-fatti li tagħhom instab ħati l-imputat u (b) l-indikazzjoni tal-liġi li tikkrea r-reat.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti — wara li rat l-art. 440 (3) Kod. Krim. tiddikjara s-sentenza appellata irrita u nulla, u tordna t-trattazzjoni tal-kawża mill-ġdid quddiem din il-Qorti tal-Appell għas-sens tal-artikolu ċitat.